# IRVIN VELLA
## investigatur Virtwali

# Il-Każ Stella Maris

John A. Bonello

Illustrazzjonijiet ta' Lisa Falzon

merlin



# Daħla

*Xi mkien f'nofs ta' baħar*

It-tgemgim tan-nies jitħaddtu kien donnu garr tal-ħamiem. F'sala tal-pranzu enormi, 'il fuq minn ħames mitt ruħ kienu miġbura għaxra għaxra madwar imwejjed kbar tondi.

Dan kien biss wieħed minn erba' ristoranti simili, abbord il-vapur ġdid fjamant li kien qed ibaħħar il-Mediterran fil-vjaġġ inawgurali tiegħu.

It-tgemgim naqas u ftit ftit waqaf għalkollox, hekk kif l-ewwel intfew id-dwal tas-sala, imbagħad bdiet tindaqq mużika Naplitana minn speakers moħbijin fis-saqaf.

Minn jeddhom, in-nies bdew iċapċpu mar-

ritmu ta' "Funiculì, Funiculà", fl-istess waqt li serbut dixxijiet b'xemgħat ifexfxu bdew ħerġin mill-bibien tal-kċina, mgħollijin fuq l-idejn. Il-waiters, jitbissmu u jkantaw mad-diska, serrpu wieħed wara l-ieħor minn bejn il-mistednin.

Sakemm instemgħet twerżiqa, tant irqiqa li nifdet il-briju u kexkxet 'l-udjenza.

Is-serp tħarbat.

Iċ-ċapċip intilef.

L-ilħna waqfu jkantaw.

Il-mużika baqgħet għaddejja għal ftit waqtiet imbagħad siktet ukoll. Id-dawl inxtegħel mill-ġdid. Fis-sala tal-pranzu waqa' skiet stramb, waqt li għajnejn kulħadd daru lejn l-unika mistiedna bilwieqfa dak il-ħin: mara liebsa sabiħ, b'wiċċha mbikkem u jdejha t-tnejn madwar għonqha.

Min kien qribha semagħha tlissen biss żewġ kelmiet.

"*Stella Maris!*"

Imbagħad infaqgħet f'bikja.

# 4.

## Laura

Aktar ma resqet qrib il-cruise liner ġdid fjamant, aktar intebħet kemm kien ġgantesk. L-artikli u r-reklami fil-media lokali ħabbruh bħala l-akbar vapur tat-tip tiegħu li qatt baħħar fil-Mediterran. L-*MV Ġgantija* kellu l-ħila jgħabbi ftit aktar minn sitt elef ruħ. Kien għoli tmintax-il sular u twil aktar minn tliet grounds tal-futbol. F'wieħed mill-filmati promozzjonali dwar dan il-vapur kolossali li hi u ħuha raw xi mitt darba, kienu rawh minn barra u minn ġewwa, minn fuq u minn isfel. Kien fih ħwienet u ristoranti, erba' swimming pools

bis-slides, diskoteka, librerija, teatru, ċinema u ħafna aktar.

Laura ħassitha tant ċkejkna taħt dik l-enormità ta' pruwa. Qalgħet għonqha tħares 'il fuq u għorkitu ftit meta baxxiet ħarsitha lura lejn l-art — eżatt fil-ħin biex ma tibqax dieħla ġoz-ziju Twanny, li kien waqaf jiġbed ir-ritratti.

Minn xħin kienu niżlu mill-minibus kien għadu ma waqafx jiġbed. Il-camera li kellu f'idu kien qalagħha rigal mingħand Irvin ftit xhur qabel, f'għeluq sninu. Mid-dehra kien sab l-okkażjoni perfetta biex iżanżanha.

Laura daret minn maz-ziju u baqgħet miexja wara l-oħrajn.

"Naħseb iz-ziju se jimla l-memorja tal-camera qabel inkunu tlaqna," qalet lil ħuha malli laħqitu.

Luca ħares lura u daħaq.

"L-agħar jekk jinsa jirkeb," qalilha.

Irvin, miexi żewġ passi quddiemhom, daħaq ukoll.

"Issa jinsa. Tinsewx li hawn in-nanna Speranza tfakkru."


MV
ĠGANTIJA

“Kellimtni, Matti?” staqsiet in-nanna hekk kif semgħet isimha.

“Le xejn, nann,” weġibha Irvin, “konna qed ngħidu kemm tieħu ħsiebna.”

“Għidulu lil missierek, għax dak jgħid li nindaħal.”

“Min, int tindaħal?” tgħaġġeb Irvin. “Mela vera ma jafx xi jfisser indħil.”

Dak il-ħin, iz-ziju Twanny għadda minn ħdejhom u ta ħarsa lil ibnu, ħarsa minn dawk li jgħidu ħafna.

Raġel liebes uniformi bajda laqagħhom taħt tinda bajda u ħamra. Talabhom biex jara l-cards li kienu għadhom kif tawhom ftit qabel, meta għamlu ċ-check-in. Bi tbissima, uriehom it-taraġ minn fejn jitilgħu abbord. F’tinda oħra ftit aktar ’il bogħod, grupp ta’ bandisti kienu qed jinġabru ftit ftit. Skont ma qalilhom iz-ziju, kienu se jdoqqu waqt l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-bastiment mill-Prim Ministru ta’ Malta.

Laura, Luca, Irvin u z-ziju Twanny stennew sakemm iz-zija Marthese u n-nanna Speranza laħquhom taħt it-tinda. Bi qbil unanimu li Irvin

jitla' l-aħħar wieħed, bdew telgħin l-iskaluni għal ġo żaqq l-*MV Ġgantija*.

Flimkien ma' ħuha, Laura telgħet l-ewwel. Kellha seba' mitt sena sakemm tifli l-vapur minn rokna s'oħra. Dik kienet btala li kien ilha tistenna bil-ħerqa sa minn meta zijuhom staqsiehom xtaqux imorru magħhom. Issa li l-ġenn tal-eżamijiet tal-aħħar tas-sena tal-Year 7 kien għadda, l-unika ħaġa li xtaqet kienet li sserraħ moħħha u tgawdi kemm tiflaħ. Hi u ħuha kienu marru cruise meta kienu għadhom jgħixu l-Kanada, iżda dak iż-żmien kien għad kellhom biss erba' snin u ftit li xejn kienet tiftakar minn dik il-btala.

Għal mument ftakret f'missierha. F'wiċċu dejjem serju u f'għajnejh li kienu jkellmuk. Ħasset għafsa ta' qalb u d-diqa li ħakmitha kienet tremenda.[2]

"Kollox sew?" staqsieha Luca, li ntebaħ mill-ewwel li kien ġralha xi ħaġa.

Laura ma ħasbithiex darbtejn qabel xenglet rasha u sfurzat tbissima. Kieku fetħet qalbha ma'

2 Missier Luca u Laura kien miet f'inċident sfortunat fuq il-post tax-xogħol meta kienu għadhom jgħixu l-Kanada.

ħuha fuq dak li kienet qiegħda tħoss kienet ċerta li titfa' lil Luca fl-istess burdata.

"Iwa iwa, kont qed naħseb ġibtx kollox," gidbet. Ħuha tbissem.

"Issa li ma ġibtx, għix mingħajru," qalilha, frażi li kienet tħobb tgħid ommhom.

Fuq nett, kif spiċċa t-taraġ, sabu żewġ baħrin oħra jistennewhom. Dawn reġgħu talbuhom jaraw il-card, skennjawha u għaddewhom 'il ġewwa għal ġol-qalba tal-bastiment fejn kienu se jqattgħu s-sitt ijiem li jmiss.

John A. Bonello huwa l-awtur tat-triloġija *Il-Logħba tal-Allat*, id-duwoloġija *Unus Mundus* u s-serje investigattiva għat-tfal *Irvin Vella Investigatur Virtwali*. Rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb erba' darbiet. John jgħix fid-dar tan-nanniet tiegħu f'Ħad-Dingli.

Kotba tal-istess awtur:

Għall-adolexxenti:

***Il-Logħba tal-Allat***
(i) It-Tielet Qamar
(ii) L-Aħħar Ħolma
(iii) Is-Sitt Aħwa

Għall-adulti:

***Unus Mundus: Il-Kotba tas-Serafin***
(i) Fil-Mergħat tal-Impossibbli
(ii) Jien, Wieħed Minnhom

Għat-tfal:

***Irvin Vella Investigatur Virtwali***
(i) Il-Każ Manduca
(ii) Il-Każ tas-Serqiet Strambi
(iii) Il-Każ tal-Gżejjer tat-Teżor
(iv) Il-Każ Stella Maris